A.L. 99 ta' l-1980

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 15)

Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 1003 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u applikazzjoni.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw l-Iskeda A li tinsab mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Iskeda A annessa mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "Skeda A".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-azzjonijiet jew attijiet kollha sew jekk mibdija qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

Iżid paragrafu ġdid 23 mat-Tariffa A ta' l-Iskeda A.

2. Minnufih wara l-paragrafu 22 tat-Tariffa A ta' l-Iskeda A għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:—

"23. B'żieda mad-drittijiet speċifikati fil-paragrafi ta' qabel ta' din it-Tariffa, kull meta xi parti jkollha f'ħin wieħed iktar minn tliet avukati fuq azzjoni, jew tippreżenta xi att, ikun li jkun, li jkollu l-firma ta' iktar minn tliet avukati, irrispettivament jekk dak l-att ikunx ippreżentat fir-Reġistru jew waqt is-smiegħ tal-kawża, għandu jinġabar mir-Reġistratur dritt ta' £1000, li jitħallas mal-preżentata ta' l-att, għal kull firma ta' kull wieħed mill-avukati addizzjonali.

Dak id-dritt għandu jitħallas ukoll meta xi avukat jingħaqad ma' xi tliet avukati oħra jew iktar bħala konsulent ta' xi parti waħda dwar xi att li jkun ġie ppreżentat, jew li, kif jirriżulta minn xi att ġudizzjarju ikun hekk aġixxa li jidher li jkun ingħaqad ma' xi tliet avukati oħra bħal dawk.

Dritt bħal dak għandu jinġabar mir-Reġistratur kull meta malli tispiċċa kawża jew meta tingħata sentenza jinstab li jkunu ġew ippreżentati attijiet hekk kif imsemmi fil-paragrafi ta' qabel dan u dak id-dritt ma jkunx inġabar qabel.

Kull avukat li jingħaqad ma' xi tliet avukati jew iżjed f'ħin wieħed f'xi kawża jew azzjoni waħda kif imsemmi hawn fuq ikun responsabbli *in solidum* mal-parti għall-ħlas tad-dritt hawn fuq imsemmi.".